



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15120/16
ADD 9

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0382 (COD)

ENER 417
CLIMA 168
CONSOM 298
TRANS 479
AGRI 650
IND 261
ENV 757
IA 130
CODEC 1802

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 419 final - PART 2/2
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Sustainability of Bioenergy Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal- użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2016) 419 final - PART 2/2.

Mehmuż: SWD(2016) 419 final - PART 2/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
SWD(2016) 419 final

PART 2/2

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Sustainability of Bioenergy

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata)

{COM(2016) 767 final}
{SWD(2016) 416 final}
{SWD(2016) 417 final}
{SWD(2016) 418 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibilità tal-bijoenerġija
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?
Filwaqt li ż-żieda fil-produzzjoni tal-bijoenerġija tilgħab parti kruċjali lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, hemm għadd ta' problemi u riskji potenzjali marbuta mal-użu kull ma jmur jikber tagħha fis-settur tat-tiżnin u l-qawwa elettrika. Il-konsultazzjoni pubblika wriet ukoll li l-opinjoni pubblika dwar il-benefiċċji u r-riskji tal-bijoenerġija hija waħda mħallta, li taf timmina l-investimenti fis-settur, notevolment fin-nuqqas ta' qafas ta' politika pubblika soda. Abbażi ta' inputs mill-partijiet ikkonċernati, studji u evidenza xjentifika oħra, is-servizzi tal-Kummissjoni identifikaw tliet problemi jew riskji potenzjali kruċjali marbuta mal-użu tal-bijomassa solida għat-tiżnin u l-qawwa elettrika: i) Il-prestazzjoni klimatika tal-bijoenerġija. ii) L-impatti ambjentali fuq il-bijodiversità, il-ħamrija u l-kwalità tal-arja. iii) Il-kombustjoni kull ma tmur tikber ta' volumi kbar ta' bijomassa fi stallazzjonijiet b'effiċjenza baxxa. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tipprovi analiżi komplimentarja għall-Valutazzjoni tal-Impatt li tappoġġja r-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, li tħares lejn kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-użu tal-bijokarburanti fit-trasport, b'mod partikolari l-emissjonijiet minn bidla indiretta fl-użu tal-art u mal-iżvilupp ta' bijokarburanti avvanzati.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-bijoenerġija u l-użu għat-tiżnin u l-qawwa elettrika. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-problemi u r-riskji msemmija hawn fuq jiġu indirizzati permezz ta' qafas ta' politika ċar, li fih kwalunkwe azzjonijiet ġodda jikkumplimentaw b'mod effiċjenti l-politiki u l-miżuri li jeżistu diġà kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. L-inizjattivi għandhom l-għan li jwasslu benefiċċji f'termini ta' azzjoni klimatika, ħarsien tal-ambjent, effiċjenza tar-riżorsi u l-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li l-azzjoni jżommha proporzjonata għad-daqs tal-problemi u r-riskji. L-inizjattiva għandha twassal ukoll l-oġettivi ġenerali tal-Kummissjoni, notevolment permezz tal-promozzjoni ta' i) it-tkabbir, l-impjiegi u l-investimenti u ii) it-tmexxija tal-UE fl-enerġiji rinnovabbli.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
Il-miri dwar il-mitigazzjoni tal-klima u l-miri dwar l-enerġija rinnovabbli huma f'fissati fil-livell tal-UE, u l-mira dwar l-enerġija rinnovabbli b'mod partikolari f'dawn l-aħħar għaxar snin xprunat iż-żieda fil-konsum tal-bijomassa għall-enerġija fl-UE. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li fil-livell tal-UE l-użu tal-bijoenerġija fl-ilħuq tal-miri dwar l-enerġija rinnovabbli qiegħed jappoġġja wkoll l-għanijiet ġenerali dwar il-klima. Xi riskji ta' sostenibbiltà marbuta mal-iżvilupp tal-bijoenerġija għandhom dimensjoni transkonfinali u għalhekk jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv fil-livell tal-UE. Dan huwa partikolarment il-każ tal-impatti ambjentali bħall-bidla fil-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja. L-effetti mwassla mis-suq jafu wkoll jokkorru b'mod transkonfinali, bħal, ngħidu aħna, fil-każ tal-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni tal-materji prima tal-bijomassa.
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet tal-politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Id-dilemma li ġejja qamet matul il-proċess ta' konsultazzjoni u l-eżaminazzjoni tal-evidenza: - Minn naħa, bosta partijiet ikkonċernati jqisu li l-iżvilupp futur tal-bijoenerġija, li huwa importanti sabiex tiegħu post il-karburanti fossili, huwa ostakolat mid-dubji pubbliċi dwar il-benefiċċji ambjentali ta' l-użi ta' ċerta bijomassa għall-enerġija; - Fl-istess waqt, huwa ċar mill-evidenza xjentifika li l-impatti kumplessivi tal-użu tal-bijomassa għall-enerġija fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-bijodiversità huma msejsa fuq wisq varjabbli u ma jistgħux jiġu evalwati jew żgurati bi preskrizzjonijiet ġenerali, iżda għandhom jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ każ b'mod speċifiku għal kull sit. Huwa għalhekk impossibbli li, fil-livell tal-UE, jiġi distint b'mod affidabbli liema huma s-sorsi tal-bijoenerġija "sostenibbli" u "mhux sostenibbli" għas-setturi tat-tiżnin u l-qawwa elettrika u li din id-distinzjoni tiġi stabbilita fil-liġi. Minflok, għażla mhux regolatorja u erbgħa regolatorji għandhom l-għan li jindirizzaw l-ixpruni tal-problemi u r-riskji kif identifikati hawn fuq. Il-bażi ta' referenza (l-għażla 1) ssejset fuq l-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet f'elementi oħra tal-qafas dwar il-klima u l-enerġija tal-2030 kif ukoll f'politiki eżistenti oħrajn. L-effetti mdaqqsqa ta'

dawn il-politiki mingħajr regolamentazzjoni speċifika addizzjonali, jagħmlu din l-għażla l-aktar approċċ effiċjenti f'termini ta' bilanċ bejn ir-riżultati u l-piż amministrattiv; iżda din ma tipprovdi l-ebda salvagwardji leġiżlattivi f'każ li jfeġġu prattiki li jaggravaw il-problemi b'mod aktar b'saħħtu minn dak li għie identifikat fil-mudell ta' ħidma. Dan huwa relevanti fid-dawl tal-livell tan-nuqqas ta' ċertezza fuq l-iżvilupp futur tal-bijomassa, inklużi x-xejriet kummerċjali u l-għażla tal-materja prima. L-erba' għażliet ta' politika addizzjonali jipproponu firxa ta' salvagwardji kontra r-riskji identifikati, għalkemm il-kwistjoni partikolari tal-impatti klimatiċi tal-bijomassa ("il-karbonju bijoġeniku") hija partikolarment diffiċli biex tiġi indirizzata. F'dan l-isfond, is-Servizzi tal-Kummissjoni ma kienux f'pożizzjoni li jidentifikaw għażla ta' politika li tkun preferibbli b'mod ċar fuq l-oħrajn.

Min jappoġġja liema għażla?

Fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, 35 % ta' dawk li wiegħbu qiesu li l-politiki attwali nazzjonali u tal-UE huma biżżejjed biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li 59 % appellaw għal strument ta' politika ġdid fil-livell tal-UE. L-għażla 2, li tifformalizza r-rekwiżiti tas-sostenibilità li bħalissa għandhom status ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, ma ġietx appoġġjata minn bosta. L-għażla 3 ġiet appoġġjata minn għadd ta' produttori u utenti tal-bijoenerġija u minn uħud mill-Istati Membri. L-indirizzar tal-effiċjenza tal-konverżjoni (l-għażla 4) jintlaqa' tajjeb minn għadd ta' industrij mhux tal-enerġija bbażati fuq l-injam u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn tal-aħħar fil-biċċa l-kbira tagħhom jappoġġjaw ukoll limitu massimu fuq il-bijoenerġija.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma l-benefiċċji prinċipali)?

L-analiżi tissuġġerixxi li skont il-kundizzjonijiet proġettati mill-mudelli, l-għażliet ta' politika identifikati jkollhom biss effetti limitati - anke jekk pożittivi - fuq il-problemi identifikati. L-aktar li jservu huwa ta' "salvagwardji" f'każ li l-prattiki li jaggravaw l-problemi jfeġġu b'mod aktar b'saħħtu minn dak li ntwera fil-mudelli proġettati.

Filwaqt li l-bijoenerġija hija kruċjali biex jinkiseb l-għan ta' 27% tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-UE sal-2030, parti marġinalment oġġla ta' bijoenerġija kontra sorsi rinnovabbli oħra tirriżulta f'inċentiv marġinalment aktar baxx għat-teknoloġiji emerġenti. L-għażliet li fihom trażżin fl-użu tal-bijoenerġija (1, 3, 4 u 5) għalhekk se jstimulaw b'mod indirett il-fokus tas-settur tal-enerġija fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli oħrajn u b'hekk iħeggju investiment u impjiegi addizzjonali fis-settur tal-enerġija rinnovabbli. Peress li l-għażliet kollha għandhom effett kwantifikat pjuttost limitat fuq l-ammonti futuri ta' bijoenerġija, l-effetti fuq it-tkabbir u l-impjiegi huwa żgħir ukoll.

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella ta' dawk ewlenin)?

Jokkorru spejjeż amministrattivi addizzjonali għall-produttori tal-bijomassa agrikola, is-sidien tal-foresti u tal-katina tal-valur tal-injam, u l-impjanti tal-bijoenerġija minħabba l-konsegwenzi tar-rekwiżiti legali ġodda fl-għażliet 2-5. Skont l-istimi, dawn ikunu jvarjaw bejn EUR 63 u 150 miljun fi spejjeż ta' darba u bejn EUR 31 u 50 miljun fi spejjeż rikorrenti annwali (b'mod kumulattiv għall-operaturi kollha). Din l-ispiża żejda aktarx tingħadda lill-konsumatur finali (jekk ma jkunx hemm sussidju pubbliku) jew inkella lis-soċjetà usa' (jekk jiġu applikati s-sussidji) jew kombinazzjoni tat-tnejn. Kif għie mfisser hawn fuq, l-għażliet kollha ma' kollox ikollhom benefiċċju ekonomiku żgħir marbut mal-qalba marġinali lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli oħrajn.

Kif se jintlaqtu n-negożji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-SMEs u l-mikrointrapriżi huma rrappreżentati estensivament fil-produzzjoni u l-katina tal-użu tal-bijoenerġija permezz, b'mod partikolari, is-sidien tal-foresti żgħar u stallazzjonijiet żgħar tal-bijoenerġija. Dawn tal-aħħar, madankollu, jintlaqtu biss skont id-daqs minimu tal-installazzjonijiet li jiġu suġġetti għar-rekwiżit tas-sostenibilità (1-5MW, 5-10MW, 10-20MW jew aktar minn 20MW). Is-sidien tal-foresti żgħar jafu jintlaqtu mill-għażliet ta' politika meqjusa, imma mhux daqstant fil-każ ta' approċċ imsejjes fuq ir-riskju (l-għażla 3).

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Ikun hemm biss spejjeż amministrattivi limitati għall-awtoritajiet nazzjonali marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u r-rappurtar, is-sorveljanza u l-kompiti ta' verifika rispettivi. Dawn l-ispejjeż jinkludu spejjeż ta' darba fil-medda ta' bejn EUR 60,000 u 200,000 kif ukoll spejjeż rikorrenti annwali ta' bejn EUR 400,000 u 1 miljun.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Le.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-politika se tiġi rieżaminata regolarment fil-kuntest tal-qafas ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, partikolarment fir-rigward tas-sorveljanza tal-kwantitajiet kumplessivi tal-bijomassa użata għall-enerġija kif ukoll

fir-rigward tat-tip ta' bijomassa, it-tip ta' materja prima, l-oriġini ġeografika tagħha u l-użu finali li se jkunu importanti biex jiġi vvalutat it-tiswir tal-problemi u r-riskji identifikati fil-Valutazzjoni tal-Impatt. M'hija prevista l-ebda klawnsola ta' rieżaminazzjoni.